MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2008

Citazzjoni Numru. 945/2005

Middlesea Insurance p.l.c.
vs
1. Falcotrans Ltd,
2. Thomas Smith & Co Ltd, bhala agenti ghan-nom ta’ Allways Freight Ltd u b’digriet tal-10 ta’ Ottubru 2006 giet korretta ghall Allways Freight UK Ltd u Allways Groupage,
3. Anthony Falzon & Sons Ltd,
4. Francis Zammit & Brothers

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ppremettiet:

Illi fis-sena 2003 is-socjeta` Outwest Ltd sid tal-Argentinian Steak House u Bar-b-q Centre Ltd ta’ Burmarrad, zewg socjetajiet assocjati, ordnaw minghand

is-socjeta` AEW Thurne Ltd ta' Norwich l-Ingilterra magna sofistikata sabiex jinqata' l-laham b'mezz teknikament avvanzat hafna b'sistema ta' lasers u cameras liema magna kienet tissejjah "SSV Vision System" ghall-prezz ta' liri Sterlini 143,720. (mija, tlieta u erbghin elf, seba' mija u ghoxrin)

Illi l-bejgh tal-magna mis-socjeta` AEW Thurne Ltd sar ghab-bazi ta' ***delivery "ex-works"*** fil-fabbrika tal-istess socjeta` AEW Thurne Ltd f'Norwich u ghalhekk kien ghax-xerrejja li jirranga ghat-trasport tal-magna mill-fabbrika tal-manifatturi ghall-fond tal-Bar-b-q Centre Ltd f'Buramarrad. (Kopja tal-invoice annessa mac-citazzjoni u mmarkat AF1).

Illi kien hemm ***"waiting list"*** gmiela ghal dawn it-tip ta' magni, din il-magna kellha tkun lesta ghas-socjeta` Bar-b-q Centre Ltd f'Ottubru 2004.

Illi xi gimghat qabel ma kella tkun lesta il-magna, is-socjeta` Bar-b-q Qentre Ltd ikkuntattat mas-socjeta` konvenuta Falcotrans Ltd sabiex Falcotrans Ltd tittrasporta l-magna mill-fabbrika tal-manifatturi f'Norwich l-Ingilterra ghall-wara l-bieb ta' Bar-b-q Centre Ltd f'Burmarrad.

Illi fid-29 ta' Settembru 2004 is-socjeta` Bar-b-q Centre Ltd u Outwest Ltd irrangaw mas-socjeta` Allcare Insurance Ltd sabiex tinhareg polza ta' assigurazzjoni li tissejjah ***"door to door"*** sabiex tkopri l-garr tal-magna mill-fabbrika tal-manifatturi ghall-fond tal-Bar-b-q Centre Ltd f'Burmarrad.

Illi l-polza ta' assikurazzjoni inharget mis-socjeta` Middlesea Insurance plc (kopja tal-***cover note*** annessa mac-citazzjoni u mmarkata AF2).

Illi fis-29 ta' Settembru 2004 il-magna kienet lesta u giet iccekkjata mill-manifatturi AEW Thurne Ltd (Kopja tal-***Final QC Inspection*** annessa mac-citazzjoni u markata AF3).

Illi fit-30 ta’ Settembru 2004 il-magna giet ippakkjata professjonalment fil-post u cioe` fil-fabbrika tal-manifatturi mis-socjeta` Zagni International Freight Ltd, u gie anness bhala dokument AF4 lista ta’ materjal li ntuza fl-ippakkjar tal-magna liema lista giet iffirmata mil-manifatturi kif ukoll skizz li juri kif giet ippakkjata l-magna.

Illi wara l-magna kienet lesta fuq il-pallett u ippakkjata fil-5 ta’ Ottubru 2004 giet iccekkjata ghall-ahhar darba mil-manifatturi u gie anness mac-citazzjoni u mmarkat Dokument AF5 ***Despatch Check List*** preparat mill-manifatturi.

Illi fl-istess gurnata u cioe` fil-5 ta’ Ottubru 2004 il-magna giet migbura mill-fabbika tal-manifatturi AEW Thurne Ltd, mis-socjeta` Shipley ta’ Bradford liema rappresentant tal-istess socjeta` Shipley iffirma d-***delivery note*** tas-socjeta` AEW Thurne Ltd li turi li kien qed jigbor ***“One SSV Machine on Pallet”***. Kopja tad-***delivery note*** giet annessa mac-citazzjoni u mmarkata AF6.

Illi jidher li wara li l-magna ttiehdet mill-fabbrika tal-manifatturi f’Norwich tpoggiet gewwa ***container*** numru TTNU9321530 liema ***container*** ittiehed Southampton fejn tghabba fuq il-bastiment Baudlaire liema bastiment garr il-***container*** lejn Malta.

Illi jidher li s-socjeta` Allways Freight Litd harget ***bill of lading*** ghall-vjagg minn Southampton ghall-Malta (kopja tal-***bill of lading*** annessa mac-citazzjoni u markat AF7).

Illi meta wasal il-bastiment hawn Malta jidher li l-***container*** ittiehed ghall-***bonded stores*** ta’ Thomas Smith and Co. Ltd li kienu l-agenti ta’ Allways Freight Ltd u Allways Groupage u jidher li Frank Debono mis-socjeta` Francis Zammit and Bros skarika l-magna minn gol-***container*** ghall-fuq l-art.

Illi jidher li Carmel Falzon mis-socjeta` Anthony Falzon and Sons Limited kien inkarigat li jgorr il-magna mill-***bonded stores*** ta’ Thomas Smith and Co Ltd sal-fond tas-socjeta` Bar-b-q Centre Ltd Burmarrad.

Illi malli din l-magna waslet il-Bar-b-q Centre Burmarrad deher bic-car li kienet sofriet min danni sostanzjali tant li din il-magna sofistikata ma setghetx tigi msewwija u kella tintbghat lura l-Ingilterra u reghget giet ordnata magna ohra.

Illi l-hsara u d-danni li grawlha l-magna kienu koperti mill-polza ta’ assikurazzjoni mahruga mis-socjeta` Middlesea Insurance p.l.c. din hallset lis-socjetajiet Bar-b-q Centre Ltd u Outwest Ltd tad-danni u ghaldaqstant is-socjeta` attrici Middlsea Insurance p.l.c. giet surrogata fid-drittijiet tas-socjetajiet Bar-b-q Centre Ltd u Outwest Ltd (Kopja tad-***discharge and Subrogation receipt*** giet annessa mac-citazzjoni u mmarkata AF8).

Illi d-danni ikkagunati lil din il-magna gew ikkawzati minhabba t-tort u/jew l-imperizja u/jew n-negligenza u/jew nuqqasijiet tas-socjetajiet konvenuti jew min minnhom.

Illi d-danni ikkagunati lis-socjeta` attrici kif surrogata jammontaw ghal Lm74,105 (erbgha u sebghin elf, mija u hames liri Maltin) oltre l-imghax legali u spejjes.

Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta` attrici kif surrogata sofriet danni konsiderevoli li jammontaw ghal Lm74,105 (erbgha u sebghin elf, mija u hames liri Maltin).

2. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjetajiet konvenuti jew min minnhom ikkawzaw u huma responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` attrici kif surrogata.

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihalsu lis-socjeta` attrici kif surrogata s-somma ta’ Lm74,105 (erbgha u sebghin elf, mija u hames liri Maltin) kif ukoll l-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-atturi.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Thomas Smith & Co Ltd nomine li biha eccepiet:

1. Illi Allways Groupage m'hijiex legittimu kontradittur u l-kumpanija Allways Freight Ltd ma tezistix u l-kumpanija jisimha Allways Freight UK Ltd.

2. Illi preliminarjament in-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qorti in kwantu l-polza ta' karigu tipprovdi li pretensjonijiet kontra l-principal taghha ***"may be instituted only in the place where the Freight Forwarder has his place of buisness as stated on the reverse of this FBL and shall be decided according to the law of the country in which that place of buisness is situated."*** In-negozju tas-socjeta` konvenuta huwa fl-Ingilterra.

3. Illi bla pregudizzju ghall-pretensjoni tas-socjeta` attrici hija preskritta in kwantu saret wara disa' (9) xhur mid-data tal-konsenja tal-merkanzija [Artikolu 17 tat-***trading conditions*** tal-polza ta' karigu].

4. Illi fil-mertu u bla pregudizzju s-socjeta` konvenuta tikkontesta:-

a. Ir-responsabbilita` ghall-incident.

b. Id-danni pretizi mis-socjeta` attrici. Bla pregudizzju u f'kull kaz l-ftehim mas-socjeta` konvenuta huwa soggett ghall-klawzola ta' ***limitation of liability*** li huma parti mill-***British International Freight Association (BIFA) Standard Trading Conditions*** u s-socjeta` attrici bhala surrogata fid-drittijiet tal-assigurati taghha m'ghandiex dritt li tithallas minghand is-socjeta` konvenuta ammont iktar minn dak li jissemma fil-polza ta' karigu.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici li giet ingunta in subizzjoni u b'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mis-socjeta` konvenuta.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Francis Zammit & Brothers li biha eccepiet:

1. Illi t-talba attrici in kwantu diretta lejn Francis Zammit & Brothers hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li hija espletat l-inkariku moghti lilha mill-konvenuti Thomas Smith and Co Limited skond is-sengha w l-arti u ma hija b'ebda mod responsabbli ghall-allegati hsarat.

2. Illi Francis Zammit & Brothers ikkonsenjat il-magna, fi stat tajjeb u l-burdnar li accetta l-konsenja accetaha fi stat tajjeb kif jidher mid-dokument anness mac-citazzjoni mmarkat Dok AF8.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mis-socjeta` konvenuta Francis Zammit & Brothers.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Anthony Falzon & Sons Ltd li biha eccepiet:

1. Illi fir-rigward tal-ewwel talba, is-socjeta` attrici ghandha ggib il-prova u ssostni skond il-ligi l-***quantum*** tad-danni minnha pretizi.

2. Illi ghar-rigward tat-tieni talba, il-pretensjoni attrici kif dedotta kontra s-socjeta` Anthony Falzon & Sons Ltd ghandha tkun respinta stante li s-socjeta` Anthony Falzon & Sons Ltd mhix responsabbli ghall-hsara li l-magna assikurata mis-socjeta` attrici garrbet u ghad-danno konsegwenzjali.

3. Illi fir-rigward tat-tielet talba, il-pretensjoni attrici kif dedotta kontra s-socjeta` Anthony Falzon & Sons Ltd ghandha tkun michuda billi fejn jirrigwarda din l-istess socjeta` Anthony Falzon & Sons Ltd ma hemmx danni x'jigu likwidati favur is-socjeta` attrici.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mis-socjeta` konvenuta Anthony Falzon & Sons Ltd.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Falcotrans Ltd li biha eccepiet:

1. Illi fir-rigward tal-ewwel talba, is-socjeta` attrici ghandha ggib il-prova u ssostni sond il-ligi l-***quantum*** tad-danni minnha pretizi.

2. Illi ghar-rigward tat-tieni talba, il-pretensjoni attrici kif dedotta kontra s-socjeta` Falcotrans Ltd ghandha tkun respinta stante li s-socjeta` Falcotrans Ltd mhix responsabbli ghall-hsara li l-magna assikurata mis-socjeta` attrici garrbet u ghad-danni konsegwenzjali.

3. Illi fir-rigward tat-tielet talba, il-pretensjoni sttrici kif dedotta kontra s-socjeta` Falcotrans Ltd ghandha tkun michuda billi fejn jirrigwarda din l-istess socjeta` Falcotrans Ltd ma hemmx danni x'jigu likwidati favur is-socjeta` attrici.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mis-socjeta` konvenuta Falcotrans Ltd.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Illi permezz ta' rikors tas-6 ta' Settembru 2006 is-socjeta` attrici talbet il-korrezzjoni fic-citazzjoni biex isem is-socjeta` konvenuta Allways Freight Ltd tigi sostitwita ghal Allways Freight UK Ltd, u b'digriet tal-10 ta' Ottubru 2006

il-Qorti ordnat il-korrezzjoni, u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` Thomas Smith & Co Ltd trid tinqara' fid-dawl tar-rikors u l-ordni ghall-korrezzjoni.

Din hija decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni li Allways Groupage mhix legittimu kontradittur, it-tieni eccezzjoni (nuqqas ta' gurisdizzjoni in kwantu l-polza ta' karigu tipprovdi li l-pretensjoni kontra l-principal taghha fejn il-***freight forwarder*** kellu l-***business*** tieghu u cioe` l-Ingilterra) u t-tielet eccezzjoni (li l-azzjoni hija preskritta ghax saret wara 9 xhur mid-data tal-konsenja tal-merkanzija – art 17 tat-***Trading Conditions*** tal-Polza ta' Karigu) tas-socjeta` Thomas Smith & Company Limited.

Dwar dawn hemm:
(i) nota tas-socjeta` Thomas Smith Co Ltd ***nomine*** fol 52 sa 56 u affidavit ta' Denis Galea (57), Timothy William Manning (59) u nota ta' osservazzjonijiet ulterjuri fol 98 sa 105;

(ii) nota tas-socjeta` attrici fol 66 sa 78 u affidavit ta' Jason Pace (79), Patrick Muscat (82), Lara Falzon (85), u nota responsiva ulterjuri a fol 111 ***et***;

Gie prezentat affidavit ta' Denis Galea, ***manager*** fi hdan Thomas Smith & Co Ltd li fih issemma li Thomas Smith & Co Ltd hija l-agent ta' Allways Freight UK Ltd u l-merkanzija mertu ta' din il-kawza giet konsenjata lil Anthony Falzon & Sons Limited (Il-Burdnar tal-***consignee***) fil-15 ta' Ottubru 2004, u dan kif jidher minn ***Delivery Order Position No***. 2004-4724.

Gie prezentat affidavit bl-Ingliz ta' Timothy Manning fejn issemma li hu kien direttur ta' Allways Freight UK Ltd. Il-magna kellha l-***Bill of Lading No***. 16090/1 (li tasal Malta fit-13 ta' Ottubru 2004 fil-***container*** TTNU99321530 ex CMA CGM Bauldelaire ghal Outwest Ltd c/o Falcotrans). F'din it-transazzjoni l-Allways Freight UK Ltd kienu ***freight forwarders***. Skond id-definizzjoni tal-***Bill of Lading "Freight forwarder means the multimodal transport operator who issues the FBL and is named on the face of it and assumes liability for the***

***performance of the multimodal transport contract as a carrier"***. L-Allways Freight UK Ltd hija kumpanija registrata fir-Renju Unit.

Gie prezentat affidavit ta' Jason Pace, direttur tas-socjetajiet assicjati Bar-b-q Centre u Outwest Ltd li fih iddikjara li l-unika persuna inkarigata mis-socjetajiet fuq imsemmija sabiex taghmel l-arrangamenti biex din il-magna tingab Malta mill-Ingilterra kienet Lara Falzon. Lara Falzon kienet infurmatu li bhal ma ghamlet diversi drabi kull darba li xtraw magni minn barra, din ikkuntattjat lil Falcontrans sabiex dawn jirrangaw biex igibu l-magna Malta. Huma qatt ma jkunu jaf lil min Falcotrans, mill-parti taghhom, ikunu qabbdu biex jghinuhom f'dan ix-xoghol. Il-kont tal-garr tal-magna minghand il-manifatturi sal Bar-b-Q Centre Burmarrad johorgu Falcotrans u huma jhallsu lil Falcotrans. Gie muri zewg dokumenti; JP1, li huwa l-faccata ta' ***bill of lading*** u JP2 li qalulu li huwa n-naha ta' wara tal-***bill of lading***. JP1 kien rah ma' dokumenti ohrajn meta waslet il-magna u JP2 huwa dokument li qatt ma rah.

Gie prezentat affidavit ta' Patrick Muscat, ***Assistant General Manager - Claims*** mas-socjeta` attrici Middlesea Insurance p.l.c. u iddikjara li waqt id-diskussjonijiet li s-socjeta` kellha mas-socjetajiet assikurati Bar-b-Q Centre Ltd u Outwest Ltd (ix-xerrejja tal-magna in kwistjoni "SSV ***Vision System***") dwar pagamenti lill-assikurati taht il-polza ta' assikurazzjoni tad-danni li kienet sofriet il-magna li kienet ingabet mill-Ingilterra, l-unika kopja tal-***bill of lading*** li qatt raw kienet il-faccata tal-***bill of lading*** annessa mal-affidavit u mmarkata dokument PM1. L-ewwel darba li huma raw il-kopja tan-naha ta' wara tal-***bill of lading*** annessa mal-affidavit u immarkata bhala dokument PM2 kien meta raw id-dokumenti ippresentati man-nota ta' sottomissjonijiet tas-Socjeta` Thomas Smith ***nomine*** wara li bdiet il-kawza. Qal u ddikjara li fil-kariga tieghu, huma dejjem assumew kawzi li jirrigwardaw il-hrug ta' ***bills of lading*** ma kellhomx jistriehu fuq it-termini ta' preskrizzjoni fil-ligi taghhom li huma itwal minn dawk stipulati mill-Hague u mill-Hauge Visby Rules u joqghodu attenti li jimxu mat-***time bar*** ta' sena preskritta mill-Hague

u mill-Hague Visby Rules f'kaz li jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza li japplikaw dawn ir-regolamenti. Ikkonferma li fil-karriera tieghu qatt ma jiftakar li kellhom jibdew kawza kontra "**carrier**" li hareg ***bill of lading*** f'terminu ta' anqas minn sena kif stipulat fil-konvenzjonijiet internazzjonali hawn fuq imsemmija; dan probabbilment huwa ghaliex l-unici konvenzjonijiet internazzjonali li japplikaw ghall-gar tal-merkanzija bil-bahar u li jirregolaw id-drittijiet u l-obbligi tal-***carrier*** u tal-***consignee*** huma l-Hague Visby Rules u l-Hamburg ***rules*** u klawsoli li jivvantaggjaw lill-***carrier*** aktar milli hu gja vantaggat mill-Hague Rules, jew Hague Visby Rules huma nulli.

Gie prezentat affidavit ta' Lara Falzon fejn issemma li hi ilha tahdem ma' Bar-b-Q centre Limited minn Lulju ta' 2004. Dan kien zmien li l-kumpanija kienet qed tigi stabbilita u meta kienu qeghdin jordnaw il-makkinarju li kellha bzonn il-kumpanija. Hi iddikjarat u ikkonfermat li l-unika persuna inkarigata biex taghmel l-arrangamenti ghall-garr tal-magna minn barra minn Malta ghal Malta kienet hi u hadd iehor. Hafna mill-makkinarju li kellha bzonn il-kumpanija kien inxtara mill-kumpanija bil-patt u l-kundizzjoni li l-kumpanija kellha taghmel hi ghal rasha arrangamenti sabiex dan il-makkinarju jingab hawn Malta, u cioe` li jinxtara fuq termini "***ex works***". Bhal f'kazijiet ohra din id-darba kienet inkarigata li taghmel l-arrangamenti neccessarji sabiex din il-magna tingab Malta u cioe` mwassla minghand il-maniffatturi taghha fl-Ingilterra sal-post fejn tinsab is-socjeta` Bar-b-Q Centre Limited f'Burmarrad. Hi setghet tikkonferma li kienet inxtrat minghand il-maniffatturi AEW Thurne Ltd ***ex-works***. Ghalhekk hi kienet ikkuntattjat lis-socjeta` Falcotrans li tehdilhom hsieb dan it-tip ta' trasport. Hi dwar din il-magna kienet kellmet lil certu "Chris" tal-Falcotrans. Spjegatlu li Bar-b-Q Centre Ltd kienet xtrat magna specjalizzata hafna li tqatta' l-laham bil-***laser*** u kellhom bzonn li Falcotrans jaghmlu l-arrangamenti sabiex din il-magna tingab mill-manifatturi taghha AEW Thurne Ltd f' Norwich ghall-Bar-b-Q Centre f'Burmarrad. Hu kien staqsiha dettalji dwar din il-magna, il-volum taghha f'metri kubi, il-valur u l-indirizz tal-manifatturi. Kienu hallewha li hu kellu jerga' jikkuntatjaha sabiex jghidilha l-prezz. Aktar

tard dak in-nhar stess kien cemplilha lura u qalilha l-prezz u hi kienet qaltlu biex imexxi. Din il-procedura normali li hi kienet timxi biha kull darba li kellhom xi makkinarju li kellu bzonn jigi minn barra. Hi ghan-nom tal-Bar-b-Q Centre u Outwest Ltd kellha x'taqsam biss ma' Falcotrans. Is-socjeta` Falcotrans qatt ma nfurmatha u hi qatt ma staqsiet lil Falcotrans dwar min kien involut fl-istadji diversi tal-garr ta' din il-magna mill-bieb tal-manifatturi ghall-bieb tal-Bar-b-Q Centre f' Burmarrad. Il-prezz li kkwotawlhom Falcotrans u l-prezz li huma kienu hallsu lil Flacotrans kien ghas-servizz komplut. Qalet ukoll li Falcotrans mhux dejjem kienu jqabbdu l-istess ***freight fowarders***. Fil-fatt din l-ewwel darba li ghal xi makkinarju taghhom, il-Falcotrans qabbdu lil Allways Freight UK Ltd. Ghalhekk setghet tikkonferma li kien biss meta waslet il-magna f'Malta u raw id-dokumenti tal-garr li kienu jafu li din id-darba l-***frieght forwarder*** kien Allways Freight UK Ltd rappresentat minn Thomas Smith. Qalet li hi kellha biss x'taqsam ma' Falcotrans. Ghalhekk ikkonfermat li l-ewwel darba li rat il-***bill of lading*** ta' Allways Frieght kien meta l-magna waslet f'Malta. Ikkonfermat li l-***bill of lading*** li rat hi kien jikkonsisti biss fil-faccata li giet esebita ma' dan l-affidavit u mmarkat LF1. Giet murija dokument iehor mmarkat FL2 u qalet li hi dan id-dokement qatt ma ratu sakemm uritulha Dr. Ann Fenech meta giet biex taghmel dan l-affidavit. Qalet u ikkonfermat li Dr. Fenech qaltilha li l-kontenut tad-dokument FL2 kienu l-kundizzjonijiet fuq in-naha ta' wara tal-***bill of lading*** liema dokument kien gie prezentat man-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` Thomas Smith. Hi ikkonfermat li hi qatt ma ratu jew rathom dawn il-kundizzjonijiet. Gie spjegat lilha n-nota ta' sottomissjonijiet li saret mill-Allways Freight UK Ltd, din qaltilha li dawn il-kundizzjonijiet tal-garr kienu gew miftehma. Hi qalet u ikkonfermat taht gurament, li meta hi ibbukjat ix-xoghol mal-Falcotrans u sakemm rat il-faccata tal-***bill of lading*** meta waslet il-magna mkissra f'Malta, lanqas biss hadd ma qalilha jew kienet taf li kienet kumpanija li tissejjah "Allways Freight UK Ltd" li kienet ser iggib ix-xoghol Malta u zgur hadd ma kien qalilha fuq dawn il-kundizzjonijiet u zgur li qatt ma ftehmu fuqhom dawn il-kundizzjonijiet. Ghalhekk l-impressjoni li qed tinghata fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` Thomas

Smith ***nomine*** li kien hemm xi ftehim dwar dawn il-kundizzjonijiet bejn Allways Freight UK Ltd u Bar-b-Q Centre u Outwest Limited hija totalment zbaljata u falza. Ikkonfermat bil-girament li hi ghan-nom tal-Bar-b-Q Centre u Outwest Ltd zgur li qatt ma ftehmet ma' ebda persuna inkluz Allways Freight UK Ltd li jekk ikun hemm xi tilwima li taqbel li ghan-nom tal-Bar-b-Q Centre u Outwest Limited taghti l-gurisdizzjoni lill-Qorti ta' fejn ghandu l-***freight forwarder*** il-***place of business*** tieghu u li tapplika l-ligi ta' dak il-pajjiz u li jekk tinqala' xi tilwima l-kawza jkollha titressaq f'perjodi ta' disa' xhur.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi f'din il-kawza, is-socjeta` Outwest Limited kienet ordnat magna minghand is-socjeta` A.E.W. Thurne Limited ta' Norwich, l-Ingilterra, izda peress li malli waslet din il-magna deher li din kienet sofriet danni sostanzjali, is-socjeta` Middlesea Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tas-socjetajiet assikurati taghha Bar-B-Q Centre Limited, u Outwest Limited ipprocediet f'din il-kawza ghad-danni li jammontaw ghal erbgha u sebghin elf, mija u hames Liri Maltin (LM74,105).

Minbarra l-eccezzjonijiet tal-konvenuti l-ohra, is-socjeta` Thomas Smith and Co. Limited ***nomine*** eccepiet preliminarjament li Allways Groupage mhix il-legittimu kontradittur. Gie eccepit ukoll in-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qorti peress li l-polza ta' karigu tipprovdi li pretensjonijiet kontra l-principal taghha:
"may be instituted only in the place where the Freight Forwarder has his place of business as stated on the reverse of the FBL, and shall be decided according to the law of the country in which that place of business is situated."

Stante li n-negozju tas-socjeta` konvenuta huwa fl-Ingilterra, ghalhekk gie eccepit in-nuqqas ta' gurisdizzjoni. Gie eccepit li l-pretensjoni tas-socjeta` attrici hija preskritta in kwantu l-kawza saret wara disa' xhur mid-data tal-konsenja tal-merkanzija skond l-Artikolu 17 tat-trading conditions tal-polza ta' karigu. Illi din is-sentenza ser

titratta l-ewwel tliet eccezzjonijiet tas-socjeta` Thomas Smith and Company Limited.

***<u>D1. Allways Groupage m'hijiex legittimu kontradittur</u>***

Meta wiehed jezamina d-dokument a fol 21 Dof AF8 id-***Delivery Order*** giet iffirmata minn Thomas Smith and Co Ltd as Agents of Allways Groupage. Dan certament iwassal biex il-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` Thomas Smith and Co Ltd. Pero` fin-nota a fol 68 jinghad:

"Ghalhekk in vista tal-istqarrija tas-socjeta` Thomas Smith and Co Ltd li s-socjeta` Allways Groupage ma tezistix, (nonostante li din tikkwota l-"Allways Groupage" fuq id-Delivery Order) is-socjeta` attrici tista` tirtira t-talbiet taghha kontenuti fir-rigward tal-konvenuti Allways Groupage".

***<u>D2. Jurisdiction Clause</u>***

Illi din l-eccezzjoni hija ibbazata fuq il-klawsola numru dsatax tal-polza tal-karigu. Jibda biex jinghad li l-klawsola 19 tal-kundizzjonijiet fil-polza ta' karigu tipprovdi li:

"Actions against the Freight Forwarder may be instituted only in the place where the Freight Forwarder has his place of business as stated on the reverse of this F.B.L. and shall be decided according to the laws of the contry in which that place of business is situated." (a fol 60 a tergo).

Gie sostnut fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti ***nomine*** li huwa principju fundamentali fil-ligi tal-kuntratti, li dak li jkun miftiehem bejn il-partijiet ghandu s-sahha tal-ligi, u ghalhekk ghandu jkun rispettat mill-partijiet, u mill-Qorti (***pacta sunt servanda***); u ghall-kaz taht ezami l-polza ta' karigu hija kuntratt ta' bejn il-partijiet . Illi fil-kaz **John Galdes noe vs Joseph Bowman noe** deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fil-21 ta' Gunju 1993 inghad li:

"Klawsoli ta' arbitragg li jeskludu l-gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta huma validi izda mhux dejjem assoluti. Fil-fatt, minkejja klawsola bhal dik, il-Qrati ta' Malta xorta ghandhom gurisdizzjoni limitata ghall-konstatazzjoni tan-

nuqqas jew tal-hsara riportata fil-merkanzija, izda mhux ukoll biex jiddeterminaw talba dwar responsabbilta`."

Fil-kaz **Reginald Micallef u Walter Camilleri noe. vs Chev. Silvio Mifsud u Adrian Mifsud noe** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Novembru 1991, sar ezami tal-gurisprudenza taghna kif ukoll tad-duttrina relevanti. Dan il-kaz elenka l-gurisprudenza in kwistjoni.

Illi f'dan il-kaz, saret referenza ghall-kaz **Cesareo vs Denaro ,** 5 ta' Frar 1889, Vol. Xii.127, fejn giet rifjutata l-gurisdizzjoni:
"Che dall' art. 27 delle Polizze di Carico esebite…. Risulta che per qualunque domanda di indennizzo,….il ricevitore che volesse portare in giudizio la societa` deve chiamarla innanzi al tribunale delle Sede del Compartimento, a cui appartieni il piroscafo, restando d'acordo, esclusa la competenza del tribunale del caricature e ricevitore….
E sebbene secondo le regole generali la Corte di Malta avrebbe giurisdizione, e sarebbe competente a prendere cognizione di cause concernanti merci arrivate in questo porto, tuttavia, cio` non escluderebbe la giurisdizione pure delle Corti del convenuto e del luogo del contratto."

Illi fl-istess kaz, imbaghad sar accenn ghal **Galea vs Hammer,** Kummerc tal-14 ta' Mejju 1907 Vol.XX.III.32, li kienet tirrigwarda danni fil-merkanzija skarikata f'Malta mill-bastiment "Marco Mingetti", fejn inghad:
"per cio` che concerne l'istruzione di avaria, poiche` rendesi il piu` delle volte impossibile la verificazione del danno per parte del tribunale estero di merce in Malta, od almeno tale esame non potrebbe essere effettuato con quella essenziale per conservazione della merce medesima";

di piu` gie ritenut:
"percio` che concerne la domanda per il pagamento o la decisione se I danni cadano o no entro I rischi assunti dalla compagnia, od altrimenti a decidere sulle clausole della polizza";

B’hekk, il-problema tal-gurisdizzjoni giet maqsuma fi tnejn: pozittiva ghal parti eminentement funzjonali u istruttorja kif ukoll il-likwidazzjoni tad-danni, u negattiva ghal dak li jirrigwarda r-responsabbilta` u l-kundanna ghall-pagament tad-danni.

Dan kien gie segwit fil-kaz **Pace vs Civitelli**, Kummerc deciza fis-6 ta’ Lulju 1911, Vol. XXI.III.71, fejn gie ritenut:
“L’odierna azione e` diretta contro la compagnia non per fatti connessi colla navigazione e col trasporto o sbarcodella merce, ma per colpe che si allegano commesse a danno dell’attore in queste isole, e pertanto il tribunale competente e quello di quest’ isole…..”

Imbaghad fil-kaz **Gatt vs Gollcher** deciza fl-14 ta’ Novembru 1916, Vol. XXIII.III.484 ikkonkludiet li ghalkemm klawsoli ta’ referenza ghall-gurisdizzjoni partikolari huma validi:
“…..ma tali clausole non fanno venire meno la competenza del tribunale del domicilio reale, la quale sussiste malgrado la inserizione di tali patti….”;

U d-“***domicilio reale***” gie deskritt hekk:
“e quello determinato dal luogo della scaricazione della merce, trattandosi di una contestazione riguardo la mancanza della merce o la deficienza del peso di essa, fatti che solo possono accertarsi, alla scaricazione, ed e` innanzi il tribunal del luogo di scaricazione che tali questioni possono agevolmente svolgersi e definirsi”;

Fil-kaz **Reginald Micallef et noe vs Chev. Silvio Mifsud et noe** enuncjat hawn fuq li elenka din il-kazistika, gie ribadit ukoll li l-poloz ta’ karigu intizi ghat-trasport internazzjonali huma dejjem soggetti ghal The Hague Rules, u ghalhekk klawsola bhal din ta’ gurisdizzjoni fil-polza ta’ karigu ma tinghatax valenza internazzjonali. Ukoll, fil-kawza, **Middlesea Insurance Company Limited noe vs Sullivan Maritime Limited noe** deciza mill-Qorti Civili Prim’ Awla fit-12 ta’ Mejju 2004, inghad:
“Il-Qrati Taghna kellhom diversi okkazjonijiet jesprimu ruhhom tant li llum, huwa stabbilment pacifiku li patt simili kontenut f’***bill of lading***, ghalkemm validu f’sens guridiku,

ma jnehhix ghal kollox id-dritt gurisdizzjonali tat-tribunali lokali milli jinvestu kwistjonijiet ta' verifiki ta' danni f'merkanzija. Ir-ragunijiet avvallati minn ezami ta' xi sentenzi huwa b'mod jew wisq, dak li l-Qrati taghna ghandhom gurisdizzjoni biex jiddeciedu dwar il-validita` tal-poloz. (**John Bonello noe. vs John Ripard noe.,** Appell, 7 ta' Ottubru 1997) jew f'kaz li tqum kwistjoni ta' atti ta' averea, (**Kollez. Vol.. XX P III p 32; Vol. XX111 P111 p 484)** jew ta' accertament ta' hsarat li ma tistax issir hlief hawn Malta jew almenu ma tistax issir quddiem it-tribunal ta' barra ahjar, u b'anqas spejjez u f'anqas zmien milli quddiem it-tribunali taghna (**Kollez. Vol. XXIX PI p 1317; "Avv. Peter Borg Costanzi nomine – vs Ernest Sullivan nomine,"** Appell, 7 ta' Ottubru 1997).

Nigu issa specifikament ghall-kaz in ezami. Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni li ma kienx hemm relazzjoni diretta bejn Allways Freight UK Ltd u x-xerrejja tal-magna dwar il-klawsoli in kwistjoni u ghalhekk din il-klawsola ma ghandiex validita`. Ma jiswa xejn li Lara Falzon lanqas biss kienet taf bl-Allways Freight UK Ltd ghax hi inkarigat persuni li inkarigaw lil din id-ditta. Ma taqbilx li hemm NUQQAS TA' FTEHIM kif imsemmi a fol 70. Ftehim kien hemm u l-***jurisdiction clause*** pattwita.

Izda l-gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin ma tigix eliminata awtomatikament. F'din il-klawsola ma giex specifikat il-post tal-gurisdizzjoni izda biss "in the place where the Freight Fowarder has his place of business…and shall be decided according to the law of the country in which that place of business is situated." Ara supra **Middlesea Insurance Company Limited noe vs Sullivan Maritime Limited noe** u s-sentenza fil-kawza **Bonello vs Ripard et** deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997 mill-Qorti ta' l-Appell li qalet:
"Dak li jrid jigi ezaminat huwa propriju jekk hemmx ragunijiet sufficjenti sabiex il-Qrati taghna jezercitaw il-gurisdizzjoni residwa li jifdlilhom anke meta jkun hemm klawsola li tiddifetta mill-gurisdizzjoni ta' l-istess qrati".

Fil-kaz in ezami l-magna giet skarikata Malta, is-***surveys*** saru Malta; u dawk li ser jixhdu dwar id-danni huma nies li principalment jirresjedu Malta.

Inoltre Council Regulation EC 44/2001 fl-Artikolu 5 jsemmi li:
"A person domiciled in a Member State, may in another Member State be sued:
(a) in matters relating to a contract, in the courts for the place of performance of the obligation in question."

Issa skond il-***Bill of Lading*** l-obbligu tal-***Carrier*** kien li jwassal il-magna Malta.

Wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni dak kollu li qalu z-zewg partijiet, u dak kollu li gie ribadit fil-gurisprudenza nostrana, u in vista tal-fatt li s-socjeta` Middlesea Insurance Co. Limited qed tipprocedi ghad-danni, kwindi l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti mhix attendibbli. Ghaldaqstant, tichad it-tieni eccezzjoni, u tiddikjara li din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni tiehu konjizzjoni tal-kawza.

***<u>D3. Time Bar u Paramount Clause</u>***

Illi din l-eccezzjoni hija bbazata fuq il-klawsola 17 tal-polza ta' karigu li tipprovdi hekk:
"The Freight Forwarder shall, unless otherwise expressly agreed, be discharged of all liability under these conditions unless suit is brought within 9 months after the delivery of the goods, or the date when the goods should have been delivered….." (a fol 60 a tergo).

Hawnhekk, il-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet sostnew li l-partijiet ftehmu li l-limitu ta' zmien li fih ghandhom jittiehdu l-proceduri huwa ta' disa' xhur, liema terminu jibda jiddekorri minn meta l-merkanzija giet imwassla, cioe` mill-15 ta' Ottubru 2004, u peress li din il-kawza giet istitwita fis-7 ta' Ottubru 2005, id-disa' xhur kienu skadew. Ghalhekk, il-konvenuti sostnew li din il-kawza hija preskritta.

***Bills of Lading*** jinhargu mill-***carrier*** meta vapur ikun qieghed igorr merkanzija li tkun propjeta` ta' aktar minn

persuna wahda. Dan il-kuntratt huwa bejn il-***carrier*** u l-***consignee. Charterparty*** huwa kuntratt ghall-kiri tal-bastiment shih bejn sid il-bastiment u n-noleggjatur [kemm ***voyage charterparty*** jew ***time charterparty***]. Il-***carrier*** jiffirma l-***bill of lading*** fuq il-faccata isfel fuq il-lemin. L-obbligi u d-drittijiet tal-***carrier*** u ***consignee f'Bill of Lading huma***

***l-Hague Rules*** (applikabbli ghal Malta ai termini tal-***Carriage of Goods by Sea Act*** 1954)

***il-Hague Visby Rules; u***

***l-Hamburg Rules.***

Il-***Hague Rules*** ma humiex applikabbli ***ex lege*** fil-kaz ta' Merkanzija li tasal Malta a distinzjoni ta' merkanzija li titlaq minn Malta [Artikolu 2 tal-***Carriage of Goods by Sea Act*** 1954]. Fil-kaz in ezami il-***carrier*** kien Allways Freight Ltd [ara fol 7], u l-Merkanzija waslet Malta. It-tliet ***Rules*** fuq imsemmija kollha jghidu li l-***consignee*** taht il-***Bill of Lading*** ghandu sena minn meta tigi skarikata l-merkanzija sabiex jaghmel il-***claim*** tieghu [u hawn tirrizulta d-differenza mill-Kodici Civili fejn l-azzjoni ghad-danni hija preskritta b'perijodu ta' sentejn].

Min-naha, l-ohra, is-socjeta` attrici sostniet li minbarra din il-klawsola hemm ukoll il-klawsola 7 fil-polza ta' karigu, liema klawsola msejha bhala ***Paramount Clause*** tipprovdi li l-***Hague Rules*** li kienu gew promulgati gewwa Brussells fil-25 ta' Awissu, 1924, ghandhom japplikaw ghall-kuntratt in ezami. Fil-fatt, il-Hague Rules gew inkorporati f'legislazzjoni lokali, Kap 140. Hemm konflitt fil-***Bill of Lading*** in ezami u dan bejn l-artikolu 7 u dak 17 tal-istess ghax wiehed naturalment jwassal ghal ***time bar*** ta' sena waqt li l-iehor ghal disa' xhur. Izda hawnhekk japplika l-artikolu 3, paragrafu 8 tal-Hague Rules li jghid:

**"Any clause, covenant, or agreement in a contract of carriage relieving the carrier from liability for loss or damage to, or in connection with, goods arising from negligence, fault, or failure in the duties and obligations provided in this article or lessening such liability other than as provided in these Rules shall be null and void and of no effect."**

Dan iwassal ghan-nullita` tal-kundizzjoni tal-klawsola li tipprovdi ghal disa' xhur (ara f'dan ir-rigward **Staines vs Bianchi**, Qorti ta' l-Appell, 7 ta' April 1998, u **Galdes vs Gollcher** tas-7 ta' April 1998).

Inoltre fil-kaz **Sammut noe vs Bianchi noe et** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta' April 1998 inghad:
"il-partijiet jistghu fuq il-***Bill of Lading*** jaqblu fuq l-applikazzjoni ta' dawk ir-regoli u meta jigri dan, huma dawk ir-regoli li japplikaw u mhux ir-regoli generali elenkati fil-Kodici tal-Kummerc."

L-awtur **John F. Wilson** fil-ktieb ***Carriage of Goods by Sea*** (Longman Press 4th Edition 2001, page 189) jghid b'mod konciz izda car li:
"it must be remembered that the parties are free expressly to incorporate the Hague/Visby Rules into a Bill of Lading or non-negotiable receipt in situations where the rules wouldn't otherwise be applicable.

(Ara wkoll **Albert Mizzi noe vs John A. Sorotos et** deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili deciza fit-12 ta' Frar 2004). Issa, fil-kaz in ezami, il-polza ta' kariku tikkontjeni din il-***Paramount Clause*** li tissogetta l-kuntratt ghall-***Hague Rules***.

Huwa minnu li l-kliem tal-imsemmija klawsola huma rari u ma jaghtux lok ghal tifsira ohra. Illi huwa veru, li ladarba l-kliem tal-klawsola huwa car, mhemmx lok ghal tifsira jew interpretazzjoni ohra, hekk kif fil-fatt jipprovdi l-Artikolu 1002 tal-Kap 16. Fis-sentenza fl-ismijiet **Dr. Simon Micallef Stafrace noe vs John Ripard et noe** deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fit-28 ta' Mejju 2003, inghad li dan il-principju enuncjat hawn fuq huwa milqugh mill-Qrati taghna f'dak li ghandu x'jaqsam mat-tifsir li jridu jinghataw il-kliem f'polza ta' kariku.

Izda, madankollu, ghandu jigi osservat li kemm id-duttrina u kemm il-Qrati dwar klawsoli ta' ezoneru f'poloz ta' kariku jidhru li jillimitaw sew is-siwi taghhom. Hawnhekk, ta' min ighid ukoll li wiehed ma jistax ma joqghodx fuq dak li jipprovdu l-Hague – Visby Rules, kif inkorporati fis-sistema

legali taghna.  Fl-imsemmija rules, jezistu dispozizzjonijiet li jghidu li mhux dak kollu li jitnizzel f'polza ta' kariku jitqies li jiswa; specjalment klawsoli ta' ezoneru li mghandhomx x'jaqsmu ma' nuqqas ta' responsabbilta`.

Riley J. f' ***The Laws of the Carriage of Goods by hand, Sea &Air*** (5$^{th}$ edition) pag.171 sostna li:
"So long as a bill of lading came under the rules,….All such clauses  evading responsibility were null and void under the rules, and the Courts wouldn't uphold them."

Il-Qrati taghna wkoll kemm-il darba sostnew li klawsoli bhal dawn ma jistghux jithallew ikollhom sahha biex jaghtu lil min intrabat b'obbligazzjoni okkazjoni biex jehles minn dik ir-rabta.  (**Borg noe. vs Cini et,** Appell Kummercjali, 1 ta' Marzu 1969, u **Fruitland Co. Ltd. Vs W.J. Parnis England ltd. Et noe** deciza mill-Prim'Awla Qorti Civili fil-25 ta' Settembru 2003).

Issa fil-kaz in ezami, il-klawsola 17 titratta dwar in-nuqqas ta' responsabbilta` tal-"***freight forwarder***" jekk kawza ma tigix istitwita fi zmien disa' xhur mill-konsenja ta' l-oggett. In vista tal-fatt li japplikaw il-***Hague Rules*** permezz tal-klawsola 7.2 tal-polza tal-kariku stess, il-kontenut tal-klawsola 17 jigi sorvolat permezz tal-Hague Rules, li jigu ***in vigore***.  L-Artikolu 3 Regola 6 tal-***Hague Rules*** jipprovdi terminu ta' sena  sabiex tigi istitwita kawza mill-konsenja tal-merkanzija.  Fid-dawl ta' dan enuncjat hawn fuq, tichad it-tielet eccezzjoni stante li l-kaz gie istitwit  fis-7 ta' Ottubru 2005 u l-merkanzija giet imwassla fil-15 ta' Ottubru 2004, qabel l-iskadenza ta' sena.

**E.            KONKLUZJONIJIET:**
Ghall-motivi fuq imsemmija tichad l-ewwel tliet eccezzjonijiet ta' Thomas Smith and Co Ltd.

Spejjez kontra l-istess socjeta`.

Il-kawza tibqa' differita ghall-kontinwazzjoni ghat-18 ta' Novembru 2008 fl-10.15 a.m.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------